HAL BALZAN

"Hortibus Undique Septa" - Imdawwar bil-Gonna minn kullimkien

Il-Ħdax il-Sena Nru. 61 | HAL BALZAN | OTTUBRU/DIĊEMBRU 1982

EDITORJAL

JUM L-IMWIELED

"Il-Milied it-Tajjeb!"
"Tant ieħor u s-Sena t-Tajba!"

Dawn huma l-kliem ferrieħi li bihom in-nies isellmu lil xulxin matul iż-żmien tal-Milied. Il-kelma "Milied", jgħidulna l-istudjużi, aktarx hija forma mqassra ta' "Jum l-Imwieled". Iżda hija kelma speċjali f'kull sens, għax tintuża biss għall-25 ta' Diċembru, meta ġie fid-dinja Dak li per mezz tat-twelid tiegħu l-bnedmin kollha reġgħu twieldu mill-ġdid.

Ejjew, ejjew għax wasal,
Wasal il-Feddej,
Twieled ġewwa Betlem
Manweli l-Mulej.

Mhux ta' xejn li fid-djar Maltin matul dawn il-jiem qaddisa, il-presepju huwa ċ-ċentru tal-festi kollha.

Mill-ewwel ta' l-Avvent jibda jinħass l-ispirtu tal-Milied. It-tfal jibdew it-tħejjija tal-presepju, it-tfaddil taċ-ċenteżmi għall-pasturi, iż-żrigħ tal-qamħ, ġulbiena u skalora fi bwieqi jew plattini għal madwar Ġesù Bambin.

Immorru u niġbru is-sagħtar,
Il-ħass, leħjet ix-xiħ,
Inkabbru l-qamħ u l-iskalora
Biex inżejnu l-presepju bih.

L-ommijiet jaħsbu għall-ikel, wisq ibnen u itjeb mis-soltu: il-pudina, il-kejk tal-Milied, il-"Yule Log" taċ-ċikkulata u l-ħlewwiet l-oħra. Il-kartolini b'tislijiet mill-isbaħ jintbagħtu lill-qraba u l-ħbieb. Id-dar tiżżejjen bil-karti tat-tajr. Is-siġra tal-Milied tinxtegħel, u l-istilla tibda tilma wara t-twieqi tad-djar.

Il-Milied ta' dari kien jiftaħ bil-festa tal-Kunċizzjoni, jew kif kienu jsejħulha, il-Qala. Dan nistgħu narawh minn dan l-għajdut ta' missirijietna:

Bejn il-Qala u tal-Milied,
Arfa' l-moħriet minn ħalq il-wied,
Ixħet xkubettietek fuq l-utiet:
Il-miżergħa miżrugħa,
Nofs il-muna mitmuma.

Għalhekk, mela, mat-8 ta' Diċembru, dawk li jaħdmu fir-raba' kienu jerfgħu mix-xogħol biex jieħdu daqsxejn ta' nifs u biex iħejju għall-Milied. Mhux ta' b'xejn li, fi żmien l-imgħoddi, ix-xahar ta' Diċembru kienu magħruf bħala x-xahar ta' l-Ewgħejjed — ta' jiem is-serħan.

Illum, sfortunatament, minħabba r-rata aktar mgħaġġla tal-ħajja moderna, dawn il-jiem ta' serħan tnaqqqsu ġmielhom u ma fadalx minnhom ħlief xi jumejn tlieta, Għat-tfal biss nistgħu ngħidu li jiem il-Milied għadhom verament jiem is-serħan, għax huma jiem meta t-tfal jieħdu daqsxejn ta' nifs mill-istudju sabiex igawdu l-itwal btala li għandhom wara dik tas-sajf. U ngħiduha kif inhi, huwa xieraq li t-tfal għad għandhom dal-privileġġ, għax jekk hawn festa li tista' tissejjaħ il-festa tat-tfal, dil-festa hija l-Milied.

Orqod, ibni orqod,
Orqod mal-Bambin,
Se jġiblek ir-rigali:
Sold, lewż, u qagħaq ħelwin.

X'KIENU JIEKLU MISSI RIJIETNA FIL-MILIED

minn

Mary Attard Gouder

Kull festa kbira għandha ikla kbira u speċjali. Dan insibuh f'kull rokna tad-dinja. Il-festa tal-Milied jew aħjar il-festa tat-tifkira tat-twelid ta' Ġesù Kristu tiġi ċċelebrata kważi mad-dinja kollha. Kull nazzjon fl-istil tiegħu jipprepara għal din il-festa. Il-familja wkoll tipprepara għal din il-festa. It-tfal jaraw f'din il-festa okkażjoni ta' rigali waqt li l-kbar jaraw f'din il-festa okkażjoni reliġjuża u okkażjoni soċjali.

Il-preparamenti għall-festa tal-Milied huma varji imma l-iktar ħaġa li tolqot il-mara tad-dar hija l-ikla tal-Milied. Illum qiegħda tidħol b'pass tassew mgħaġġel l-użanza li l-familja tmur tiekol barra u b'hekk l-festa tal-Milied isservi-ha bħala jum ta' mistrieħ mix-xogħol tat-tisjir.

Din l-użanza kienet ferm il-bogħod mill-ħsibijiet ta' missirijietna li minn ħafna jiem qabel kienu jippreparaw u jaħsbu għall-ikla tal-Milied li kienet tiġbor il-membri tal-familja kollha li dak iż-żmien kien ikun numru mhux ħażin.

Veru li dawn il-preparamenti għall-ikla tal-Milied kienu jitolbu ħafna xogħol imma dan ix-xogħol kien isir b'imħabba, entużjażmu u fuq kollox kienu jkunu kburin b'xogħolhom, u jagħmlu ħilithom biex l-ikel ta' dik is-sena jkun aħjar minn ta' qabel.

Meta nitkellmu illum fuq l-ikel u l-Milied awtomatikament nassoċjawh mal-qagħaq tal-għasel imma din waħda biss mill-ikliet tradizzjonali Maltin tal-Milied.

L-ikla tradizzjonali nistgħu ngħidu li kienet tibda lejlet il-Jum tal-Milied jew aħjar nhar il-Milied fil-għodu kmieni proprju wara il-quddiesa ta' nofs il-lejl fejn wara l-quddiesa u l-awguri fuq iz-zuntier mgeddsin sewwa għall-bard kienu jidħlu d-dar u jieħdu kikkra kawkaw sħuna u xi qagħqa żgħira tal-għasel. Jorqdu dik is-siegħa jew tnejn u dlonk jibdew jaħsbu għall-ikla.

L-ikla normalment kienet tikkonsisti fi tliet platti

a) Brodu tat-tiġieġa jew tal-ħasi,
b) Timpana jew imqarrun il-forn imħawwar sewwa.
c) Ħasi mimli u indisussat (mingħajr għadam) u patata l-forn bil-bużbież.

Id-deserta kienet varja ħafna u kienet ukoll tħajrek sewwa u ħelwa. Dak iż-żmien il-biżgħa ta' ħafna kaloriji ma kienx jeżisti.

a) Sufle',
b) Balal tal-għasel,
c) Qagħaq tal-għasel,
d) Kavatelli (speċi bħal qagħaq tal-għasel imma bl-għasel minn barra miksija bil-frak tal-ġellewż, lewż, u karawett, b'għaġina tal-gallettini f'boċċi żgħar moqlija fiż-żejt,
e) Rombli mimlija bit-tamal.
f) Imqaret,
g) tamal mimli bil-pastarjali.

Il-frott kien ikun il-larinġ u tin imqadded li kien jittiekel mal-ġewż, lewż karawett, ġellewż u qastan.

Ix-xorb kien ikun l-inbid u l-mastika.

Wara l-ikla li kienet tieħu ħin mhux ħażin u wara li kulħadd ikun ta daqqa t'id fil-ħasil tal-platti u t-tindif tal-kċina kienet tibda t-tombla li kienet twassal sad-dlam u b'hekk ikun intemm Milied ieħor, Milied hieni mal-familja. Dak kien żmien!

Il-Bord Editorjali
jixtiqilkom
Il-Milied u s-Sena t-Tajba

Anke għall-kbar dil-festa hija marbuta b'mod speċjali ma' l-isbaħ tifkiriet tat-tfulija. U hekk għandu jkun, għax wara kollox il-Milied huwa l-festa ta' Ġesù Bambin, ta' Alla inkarnat bħala Tarbija ħelwa, Tarbija li bit-twelid Tiegħu, fil-kliem sabiħ tal-Poeta Nazzjonali.

Reġgħet seħħet ftehima qawwija,
Ħaqq u Sliema taw bewsa 'l xulxin:
Reġgħet xirfet it-tama sabiħa
Bħal qawsalla fuq ras il-bnedmin.

F'DAWN IL-JIEM
TA' FERĦ
AĦSEB
F'MIN HU INQAS
IXXURTJAT
MINNEK

"HAL BALZAN"
Toħroġ kull tliet xhur mill-
BORD EDITORJALI — 'HAL BALZAN'

c/o Każin tal-Banda
"San Gabriel"
Hal Balzan.

Stampat fil-
Lux Press
Hamrun.

IL-KUMPANIJA BALZAN DRAMA STARS HAMES SNIN IMWAQQFA

Kienet riesqa l-festa tal-Milied tas-sena 1976. Bħala abbati Jesmond Pace fl-eta ta' 13-il sena talab lill-Kappillan il-Kan. Carmelo Sciberras illum Monsinjur, biex ikun jista' jagħmel farsa ċkejkna għal sħabu l-abbatini fl-okkażjoni tal-Party tal-Milied. Il-Kappillan mill-ewwel tah il-permess u kuraġġ biex ikun jista' jipppreżenta l-farsa.

Ferħan ser itir, Jesmond mar jiġri fuq sieħbu Joseph Pullicino li mill-ewwel tah l-aħbar li kellhom jagħmlu farsa. Il-farsa kien fiha tliet personaġġi u għalhekk talbu lil Tonio Caruana biex jaħdem magħhom, b'hekk dawn it-tliet abbatini bdew jippreparaw għall-farsa.

Ġara li Joseph Pullicino talab lil Jesmond biex magħhom idaħħlu lil Joseph Spiteri u Martin Chetcuti biex jaħdmu fil-farsa. Għalkemm ma kienx jafhom wisq u ma riedx imur kontra x-xewqa ta' sieħbu, Jesmond ikkonfonda peress li l-personaġġi għall-farsa kienu lesti. Biex isolvi din il-problema kiteb introduzzjoni għall-farsa b'żewġ personaġġi oħra u b hekk ingħaqdu flimkien u bdew isiru l-konċerti fiċ-ċircolu Santa Rita.

Nhar is-6 ta' Jannar 1977, dawn il-ħames abbatini ħadmu l-farsa ta' Frans Camilleri "Il-Btala" fis-Sala Aurora. Kienet marret tajjeb ħafna u n-nies li kienu preżenti ma naqsux milli jagħtu l-apprezzament u l-kuraġġ tagħhom lil dawn iż-żgħażagħ Tonio Caruana ma setax ikompli. Mimlija b'entużjażmu u kuraġġ iffurmaw il-BALZAN DRAMA STARS.

Iż-żmien beda għaddej ġmielu u għadd ġmielu ta' ġuvintur u tfajliet daħlu bħaal membri f'din il-Kumpanija.

Il-Kumpanija għalihom ma baqgħetx biss bħala passatemp iżda saret parti mill-ħajja tagħhom. Kulħadd kien sab postu fil-Kumpanija min jieħu ħsieb il-kitba, min ix-xenarju, min id-dawl, min ilbies min recordings u elf ħaġa oħra.

F dawn il-ħames snin, il-Kumpanija taħt it-tmexxija tal-fundatur Jesmond Pace imxiet b'għaqal, serjeta' u dedikazzjoni. Din il-kumpanija għenet u ferrħet għadd ta' nies. Il-motto tal-Kumpanija huwa TFERRAH U TIFRAH. Kienu jsiru serati f'diversi okkażjonijiet ta' parties Jum l-Omm, fil-Milied u fil-Ġimgħa tal-Azzjoni Kattolika.

Wieħed mill-ħsibijiet ambizzjużi ta' dawn iż-żgħażagħ kien li jippreżentaw program sħiħ. Dan il-ħsieb twettaq fir-realtà meta bħal ma għamlu għaqdiet oħra Balzanin għamlu programm fl-okkażjoni tal-pussess tal-Kappillan il-ġdid Dun Tarcisio Delicata. Dan il-programm f'ġieħ Dun Tarċis sar nhar id-29 t'Ottubru 1981 quddiem sala mimlija bin-nies. Dan il-programm kien intgħoġob ħafna u minn dak in-nhar 'il hawn kienu saru żewġ programmi oħra.

Fis-6 ta' Jannar 1982 il-kumpanija ftakret f'dawk li huma inqas ixxurtjati minnhom u marret tagħmel programm li kien jinkludi logħob u refreshment fid-DAR TAL-PROVVIDENZA ir-residenza ta' għadd ta' inkapaċitati. Kienet okkażjoni ferm sabiħa f'isem ir-raħal tagħna u ż-żgħażagħ Balzanin li attendew; ilkoll ħassewhom sodisfatti b'dan l-għamil.

Ma nistgħux nibqgħu ngħidu iżjed fit-tul ħlief li ngħidu li l-Kumpanija għadha b'saħħitha u taħdem b'entużjażmu qawwi. Nieħdu din l-okkażjoni biex nixtiequ lil dawn iż-żgħażagħ Balzanin biex ikomplu jaħdmu flimkien ħalli jifirħu u jferrħu.

Il-Lunzjata fil-Bliet Ewlenin ta' Malta u Ghawdex

Mill-Kav. Rafel Bonnici Cali'

Il-Lunzjata kienet l-eqdem titolu li gawdiet il-Madonna għax il-ġrajja tagħha tinsab fil-Vanġelu ta' San Luqa. Fil-messalli u kotba oħra tal-liturġija nsibu l-Lunzjata bħala l-ewwel festa ta' Kristu u Ommu li xterdet mad-dinja kollha.

Hawn Malta din id-devozzjoni daħlet mad-daħla tal-istess Kristjaneżmu fl-ewwel sekli tal-Knisja Apostolika u dan jidher billi nsibu l-ewwel artali b'isem il-Lunzjata f' kappella tal-Kattidral medjovali ta' l-Imdina, kif ukoll fi knejjes oħra bikrin fir-Rabat ta' Malta u r-Rabat ta' Għawdex, fosthom waħda li waqgħet f'idejn il-patrijiet Karmelitani f'Malta u oħra li tinsab f'wied il-Lunzjata li fil-fehma tiegħi kienet l-ewwel knisja Nisranija fil-gżira ta' Għawdex.

Din il-probabiltà tidher mill-qagħda friska tagħha li tixbaħ wisq lil dik tal-knejjes ewlenin tas-Santwarju tal-Mellieħa u ta' l-Għar Pawlin fir-Rabat ta' Malta. Il-għamla ta din il-knisja Għawdxija llum hija nofsha mibnija imma ħadd ma jista' jiċħad li fil-bidunett kienet magħmula biss minn għar li maż-żmien waqa' nofsu u li tkabbar b' żieda ta' bini ġdid bħal ma ġara sewwa sew fil-każ tas-Santwarju tal-Mellieħa. Hemm bosta sinjali u ċirkostanzi storiċi li jgħinu l-ipotesi li l-kappella — għar tal-Lunzjata setgħet kienet il-Knisja ewlenija ta' Għawdex Nisrani.

Niġu issa għall-knejjes qodma oħra mxerrdin ma' Malta li għadd minnhom ġew imsejħin bl-isem ħelu u devot tal-Lunzjata. Fost dawn insibu tnejn li saru wkoll parroċċi, dik ta' Hal-Tarxien u dik ta Hal-Balzan, waqt li oħra fil-Belt Valletta serviet ta' parroċċa flok dik ta' San Pawl Nawfragu li waqqaf l-Isqof biex taqdi l-belt il-ġdida tal-kavalieri. Din kienet il-Knisja tal-Lunzjata tal-Karmelitani li kienet wieqfa f'lok Santu Wistin tal-lum fil-bidu tal-bini tal-Belt.

Għal xi raġuni je w oħra l-Karmelitani ma damux hemm u bidlu l-post tagħhom u bnew knisja aħjar fejn illum tinsab il-Bażilka ovali, waqt li l-Agostinjani bnew il-Knisja tagħhom flok il-Karmelitani u żammew it-tradizzjoni fil-Knisja l-ġdida li bnew fi triq l-Ifran. Dan l-artal nistgħu narawh sa llum stess.

Il-Karmelitani wkoll żammew it-tradizzjoni tar-rabta tagħhom mal-knejjes ewlenin tagħhom tal-Lunzjata fir-Rabat u l-Imdina, u dan urewh ukoll b'irħam fil-Bażilka tagħhom il-ġdida ftit tax-xhur ilu, imma fl-istess ħin neħħew l-artal tal-Lunzjata u b'hekk qerdu paġna mill-istorja reliġjuża tal-Belt Valletta. Sa issa flok dan l-artal għadu ma sar xejn u għalhekk nittamaw li dan l-artal bit-titolu l-aktar għoli li għandha l-Madonna jerġa' jitwaqqaf mill-ġdid kif jixraq biex id-devozzjoni antika fost il-Karmelitani tal-Belt ma tinqatax.

Dan jixraq li jsir ukoll għar-raġuni li din il-Knisja Karmelitana fil-bidu tagħha kienet imsejħa "tal-Lunzjata" u mhux tal-"Karmnu'. Dan nafuh minn mapep u pittura antika li dehru fil-wirja kbira li saret mill-Kavallieri ta' Malta meta fakkru r-raba ċentinarju tal-Belt Valletta fl-1966.

Fil-Belt id-devozzjoni tal-Lunzjata daħlet ukoll fil-Knejjes tal-Parroċċi tad-Dumnikani u l-Pawlini fejn kellhom ukoll artali tal-Lunzjata. Dak tad-Dumnikani kien juri r-rabta li kellhom dawn il-patrijiet mal-knisja tal-Lunzjata tal-Birgu minn fejn kienu ġew fil-Belt il-ġdida, waqt li l-artal tal-Lunzjata fil-Knisja ta' San Pawl kien u għadu juri r-rabta li kellha din il-Knisja mal-Lunzjata tal-Karmelitani meta l-Knisja ta' dawn il-patrijiet serviet ta' parroċċa sa kemm imbniet il-knisja Pawlina.

Illum ix-xbieha tal-Lunzjata f'San Pawl tal-Belt narawha fuq l-artal ta' l-ewwel kappella ħdejn il-bieb tal-lemin fejn naraw il-Madonna u l-Anġli fil-parti ta' fuq tal-pittura waqt li fil-parti t'isfel naraw lill-isqof San Martin għax l-artal kien ingħata lill-fratellanza ta din il-qaddis.

B'din id-daqsxejn ta' kitba rajna li l-Lunzjata kellha Knejjes u artali fl-ibliet ewlenin kollha ta' Malta u Għawdex, iġifieri fl-Imdina, fil-Birgu, Valletta u fir-Rabat ta' Għawdex.

MILL-UFFIĊĊJU PARROKKJALI

Malcolm Borg
Saviour Cachia
Ann Marie Camilleri
Charmaine Mamo
Josianne Baldacchino
John Paul Debono
Christian Ellul Sullivan
Joseph Fenech
Vanessa Muscat
Marica Formosa
Anika Debono
Mariella Mancini
Edward Cardona
Lara Vidal
Etienne Camilleri
Monique Hili
Brian Caruana
Sabrina Zammit
Robert Grech
Jeremy Micallef
Denise Frendo
Clarissa Demarco

Iffurmaw familja ġdida

Michael Borg ma' Rita Debattista
Anthony Cassar ma' Carmela R. Borg
Emmanuel Borg ma' M. Anna Muscat
Carmelo Grech ma' M. Carmela Zammit

Għaddew għall-ħajja bla tmiem

Alfred Calleja
Michael Sciberras
Philip Giordimania
Joseph Aquilina
Sister Paulina Borg
Gabriel Muscat
Ruth Borg (tarbija)
Tony Borg

VITAFOAM
ISEM TA' GARANZIJA
PRODOTTI —
SAQQIJIET
IMHADDED
CUSHIONS U AFFARIJIET
OHRA TAL-FOAM
VITAFOAM LIMITED
INDUSTRIAL ESTATE, SAN ĠWANN (B'KARA)
Telephone: 36275/76

QASSIS BALZANI MIDFUN F'TAS-SLIEMA

Ilu s-snin li darba kont qrajt fil-ktieb: "Tas-Sliema u San Ġiljan" ta' Sir Temi Zammit dwar il-kxif ta' sisien ta' Knisja f'Tigne u s-sejba ta' għadam ta' tlieta min-nies fosthom Dun Tumas Vassallo minn Ħal Balzan.[1] Fis-sena 1969 erġajt sibt aktar dettalji dwar dan il-każ fil-ktieb: "Djar is-Sultana" ta' Kelin Spiteri.[2] U dan l-aħħar fil-ktieb: "Tas-Sliema fl-Imgħoddi" ta' Winston L. Zammit, li ppubblika s-sena l-oħra, sibt tagħrif siewi ħafna dwar Dun Tumas u l-knisja li tagħha kien viċendarju.[3]

MIN KIEN DUN TUMAS VASSALLO

Meta sirt naf xi ħjiel dwar Dun Tumas mill-kotba li għadni kemm semmejt, nibtet fija x-xewqa li nkun naf aktar u aktar dwar dan il-qassis Balzani. U bħas-soltu qbadt f idejja l-kotba li fihom hemm imniżżla dak kollu li jirrigwarda t-twelid, l-istat tal-ħajja nisranija ta' dak li jkun, il-viżti pastorali u l-kiteb li fih jitniżżlu l-mejtin tal-parroċċa.

Sibt li Dun Tumas twieled f'Ħal Balzan nhar it-2 ta' Novembru 1706 minn Gio Maria u martu Marija Vassallo.[4] Tumas kien ir-raba' tarbija mill-ħamsa li kellha l-familja Vassallo, għax qablu kien hemm Pawlina, Ġużeppi u Mikiel. Wara Tumas twieldet Roża. Sibt ukoll li din il-familja kienet toqgħod ħdejn it-Tliet Knejjes.[5]

Alla għoġbu jsejjaħ lil Tumas biex isir qassis, u meta fis-sena 1724 kellu 18-il sena, insibu l-isem ta' Tumas Vassallo mniżżel bħala Kjeriku. Il-Kjeriku Tumas irċieva l-Ordni tas-Suddjakonat fl-1729, u d-Djakonat fl-1730. Dun Tumas ġie ordnat saċerdot fl-1731 meta f'dik is-sena f'Ħal Balzan kien hawn ħdax-il qassis u għaxar kjeriċi.[6]

Insibu wkoll li fis-sena 1736 Dun Tumas għamel l-offerta tiegħu lill-Kappillan Dun Marju Tonna ta 15-il skud, bħal ma għamlu l-qassis'n l-oħra sħabu, għalbiex ikunu jistgħu jsiru l-istalel tal-Kor.[7]

Fis-sena 1752, Dun Tumas ġarrab it-telfa ta' missieru Gio Maria, li miet fl-eta ta' 78 sena. Erba' snin wara, fl-1756, mietet ommu Marija fl-eta' ta' 82 sena.

Dun Tumas (minn meta ħa l-Ordni Sagri) serva fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Balzan sas-sena 1757, fejn insibuh dejjem imsemmi fil-lista tal-kleru ta' Ħal Balzan u fil-Viżti Pastorali li saru lil din il-Parroċċa. Iżda sija fil-lista tal-kleru għas-sena 1757 ta' l-"Status Animarum"[8] kemm fil-Viżta Pastorali ta' l-Isqof Bartilmew Rull, li għamel lil din il-Parroċċa nhar id-9 ta' Ottubru 1758, Dun Tumas Vassallo mhux imsemmi.[9]

Billi Dun Tumas ma kien baqagħlu lil ħadd id-dar ħlief lil oħtu Rożi, li issa kellha 46 sena, u lin-neputija tiegħu Anġelika ta' 30 sena,[10] ġie msejjaħ bħala viċendarju tal-Knisja ta' "Santa Marija tal-Qortin"[11] f'Tigne" tas-Sliema, fis-sena 1758 u dam jieħu ħsieb din il-Knisja, li f'dak iż-żmien kienet tagħmel mal-Parroċċa ta' Birkirkara, għal madwar 28 sena.

DUN TUMAS MISJUB MIDFUN TAĦT IL-KNISJA LI ĦABB

Wara li s-sur Ġuże' Borg xtara biċċa art minn għand il-Gvern fl-1856, li kienet ftit 'il bogħod mill-Fortizza ta' Tigne li tħares lejn il-Port ta' Marxamxett, beda biex iħaffer ħalli jħawwel xi siġar. Waqt it-tħaffir inkixfu s-sisien tal-Knisja ta' Santa Marija tal-Qortin . Din kienet knisja antika tal-kampanja li kienet ukoll magħrufa bħala l-knisja tal-"Madonna ta' Sliema"[12]. Jingħad li din il-knisja kienet ġiet imġarrfa mill-bombi fi żmien l-imblokk tal-Franċiżi (1798).

Għalhekk, waqt li nhar it-12 ta' Mejju 1856 kien qed jitneħħa xi ġebel tal-pedament tal-knisja, tfaċċa bħal ħajt żgħir li kien imkaħħal tajjeb ħafna. Dan il-ħajt ġie miftuħ u dritt dehret daħla twila u fonda xi tnax-il xiber. Hawn tfaċċa katavru li, wara li sar xi tiftix dwaru, ġie kkonfermat li kien ta' Dun Nikol Martin, l-ewwel benefiċjarju tal-knisja maħtur minn Mikiel Pianta.[13]

It-tħaffir kompla sejjer u nhar it-22 ta' Mejju ta' l-istess sena tfaċċa katavru ieħor, u minkejja li meta dan ġie midfun kien intefa' fuqu kwantita' ta' ġir frisk, baqa' bla mittiefes. Dak il-katavru kien tat-tielet rettur ta' dik il-knisja: Dun Tumas Vassallo minn Ħal Balzan. Mill-ktieb tal-mejtin tal-Parroċċa ta' Ħal Balzan sirna nafu li Dun Tumas miet fid-dar tiegħu f' Ħal Balzan, nhar il-31 ta' Lulju 1786 meta kellu 79 sena, u li wara li rċieva s-sagramenti radd ruħu lil Alla. Sar il-funeral u Dun Tumas ġie ttrasportat mill-Kappillan Dun Pietru Decelis u l-kleru u n-nies tal-Parroċċa lejn il-Knisja Parrokkjali ta' Marija Annunzjata fejn sarulu l-Esekwi u wara ġie ttrasportat lejn il-Knisja filjali ta' Birkirkara magħrufa bħala l-Knisja tal-Madonna ta' Sliema f'Tigne' u ġie midfun hemm, kif wera x-xewqa tiegħu Dun Tumas meta kien għadu ħaj.[14]

Dun Tumas Vassallo kien reġa' lura mal-kleru ta' Ħal Balzan sena qabel ma miet; fil-fatt insibu ismu mniżżel flimkien mal-ismijiet tal-kleru tal-Parroċċa fis-sena 1785 u fl-1786. Minn tal- familja ta' Dun Tumas ma jissemma ħadd ħlief li tidher imniżżla n-neputija tiegħu Anġelika fl-eta ta' 45 sena u li, kif għedna 'l fuq, kienet toqgħod ma' oħt Dun Tumas iżda li issa kienet orfna.[15]

Inkomplu issa bis-sejba tal-fdal ta' Dun Tumas Vassallo. Skond il-ġurnal pulitku — reliġjuż "L'Ordine" tal-Ġimgħa 6 ta' Ġunju 1856, insibu li meta nstab Dun Tumas Vassallo nhar it-22 ta' Mejju ta' dik is-sena, instabet ukoll lapida mkissra li għax kienet tgħatti l-qabar tiegħu meta ngħabru l-bċejjeċ ta' din il-lapida ġiet tinqara din l-iskrizzjoni:

D. O. M.
QUEM VIVENS SIBI
FECERAT ASYLUM
AERE SUO MARMORE
STRUCTUM MODO VITA
FUNCTUS USQUE IN DIEM
ILLIAM SUORUM CINERUM
REPOSITORIUM HABET
THOMAS VASSALLO
HUMILLIMUS PRESBYTER
OBIIT DIE 1 MEN. AUGUSTI
ANNO 1786
AEATIS SUAE 80

DUN TUMAS U SĦABU MIDFUNA FIL-KNISJA TAL-GRAZZJI

Kien nhar id-29 ta' Mejju 1856 meta, għal xi l-ħamsa ta' fil-għodu, il-katavri ta' Dun Tumas Vassallo, ta' Dun Nikol Martin u ta' Mikiel Pianta tpoġġew ġewwa tebut deċenti u ġew traspurtati minn ħdejn il-fdalijiet tal-Knisja tal-Madonna ta' Sliema f'Tigne', li tant kienet għal qalbhom, biex jiġu midfuna fi knisja oħra deċenti. Kienet l-inizjattiva tal-W.R. Prepostu Dott. Dun Kalċidon Agius, Kappillan tal-Kolleġġjata ta' Birkirkara, li ried jagħmel it-trasport ta' l-iġsma ta' dawn, li jistħoqqilhom kull qima u kull rispett. Quddiem mexa l-kruċiferu. Warajh imxew erba' sinjuri bil-fanali f' idejhom. Imbagħad il-Prepostu u warajh it-tebut. Meta waslu fil-Knisja ta' Santa Marija tal-Grazzja, il-Prepostu qaddes il-Quddiesa tal-Mejtin. Wara l-kant tal-"Libera me Domine" u t-tberik tal-katavri, it-tebut tniżżel fil-qabar fl-istess knisja.[16]

Illum fuq il-fdal ta' Dun Tumas u ta' sħabu hemm irħama ċkejkna b'din l-iskrizzjoni:

SILTIET MILL-ISTORJA TA' ĦAL BALZAN

Tiftix u kitba ta'

DUN ĠWANN DIMECH

DUORUM
SACERDOTUM ET LAICI
HAEC OSSA CONDITA
EX TIGNE' CASTILLO
A.D. DELATA 1856
R. I. P.

Bil-Malti tgħid hekk:

Fl-1856 instab il-għadam ta' żewġ qassisin u ta' bniedem ieħor midfuna ħdejn il-Kastell ta' Tigne' u ġew miġbura hawn. Jistrieħu fil-paċi.[17]

REFERENZI:

1. Zammit Temi: "Tas-Sliema u San Ġiljan" p. 7
2. Spiteri Kilin: "Djar is-Sultana" p. 87.
3. Zammit Winston: "Tas-Sliema fl-Imgħoddi" p. 4
4. Ark. Parr. Balzan: "Lib. Bap. Vol II p. 41
5. Ark. Parr. Balzan: "Status Animarum" Lib. 16a.
6. Ibid. Cit.
.7 Rull Bart: Visit. Past. fol. 330
8. Ark. Parr. Balzan. "Status Animarum" Lib. 16a.
9. Rull Bart.: Visit. Past. Vol. II p.1.
10 .Ark. Parr. Balzan: Status Animarum 1757 Lib. 16a
11. Zammit Winston: Op. Cit.
12 L'Ordine (1856) Nru. 364
13. Zammit Winston: Op. Cit.
14. Ark. Parr. Balzan: Lib. Def. II p. 142
15. Ark. Parr. "Status Animarum" (1774-1824)1 Lib. 60
16. L'Ordine (1856) Nru. 364.
17. Zammit Temi: Op. Cit. p.8



KAŻIN MARIJA ANNUNZJATA

Riċeviment li sar lid-dilettanti tal-festa ta' Marija Annunzjata. Flimkien mad-dilettanti ta' l-armar u tan-nar jidhru l-Kappillan D u n Tarcisio Delicata u d-Direttur Spiritwali tas-Soċjetà, Dun Ġw ınn Zammit Hammet.

IL-KAMPNAR TAL-KNISJA JINTLAQAT F'TEMPESTA

— Minn KRONIKON —

Wara x-xhur nexfin tas-sajf, l-ewwel ħalbiet tax-xita lejn tmiem Settembru jew il-bidu t'Ottubru bħal jiffriskaw u jfewħu l-arja mtaqqla bis-sħana tar-riħ isfel, u jġeddu u jħaddru l-kampanja tagħna. Iżda wara l-esperjenza kerha tal-għargħar tal-25 t'Ottubru 1979, l-ewel maltempata ta' l-istaġun bdiet iġġib magħha ċertu biża'. Din l-esperjenza kerha tenniet ruħha din is-sena wkoll, u reġgħet ħalliet warajha l-mewt ta' erbgħa minn-nies. Ħal Balzan ukoll intlaqat minn din il-maltempata u għalkemm, għall-grazzja t' Alla, ħadd mill-parruċċani ma tilef ħajtu jew ġarrab ħsara speċjali, il-kampnar tal-Knisja Parrokkjali tagħna ntlaqat fil-quċċata tiegħu.

Kienet l-għodwa tat-Tnejn, 11 t'Ottubru, fis-sigħat bikrin tal-jum. Sa minn fil-għaxija tal-jum ta' qabel l-ajru kien jidher li qed jimla, u l-aħħar ftit irdieden tal-ġiġġifogu — billi dak il-Ħadd f'Ħal Balzan kienet qed tiġi ċċelebrata l-festa ta' San Valentinu Martri, ko-protettur tal-Parroċċa — inħarqu fl-irxiex. Iżda ħadd ma basar li ftit sigħat wara Malta kienet se tintlaqat minn tempesta qalila b' buffuri qawwija ta' riħ li laħqu qawwa massima ta' 72 knot, l-ogħla rjiħat li qatt ġew reġistrati mill-Uffiċċju Metereoloġiku minn kemm ilhom jinżammu r-'records'.

L-Uffiċċju Metereoloġiku kummenta hekk dwar il-kawża ta' din it-tempesta: "Matul il-Ħadd fil-għodu waslet arja kiesħa fl-għoli ta' l-atmosfera fuq il-punent tal-Mediterran. Din il-massa ta' arja bdiet miexja lejn il-lvant. Stazzjonijiet tat-temp li jinsabu fuq il-korsa ta' din il-massa ta' arja, sa fuq it-Tuneżija, ma rrappurtaw l-ebda maltempata kbira. Aktar ma resqet lejn iċ-ċentru tal-Mediterran din l-arja kiesħa tħalltet ma' arja aktar sħuna li oriġinat mill-Afrika ta' Fuq. Din is-sitwazzjoni ħolqot maltempata vjolenti qrib il-gżejjer Maltin."


Il-ħin kien madwar l-erbgħa ta' fil-għodu. Wara xi ragħad u sajjetti u xita, beda jinstema' tvenvin u tisfir ta' riħ qawwi li, fl-inħawi fejn l-aktar laqat, waqqa' bini, ġarraf ħitan, faqa' soqfa, qala' siġar, għawweġ 'aerials', u ħalla warajh ħafna ħsarat oħra. F' dawn l-inċidenti tilfu ħajjithom erba' persuni, li lkoll spiċċaw mirduma taħt il-ġebel li twaqqa' mill-qawwa tar-riħ. Il-vittmi kienu koppja minn Raħal Ġdid, missier u omm ta' erbat itfal, mara anzjana li mietet Tas-Sliema, u żagħżugħ mill-Ħamrun. Ħafna nies oħra minn diversi bliet u rħula weġġgħu, uħud minnhom serjament, u kellhom jinżammu l-Isptar għall-kura.

F'Ħal Balzan, l-irjieħ qawwija laqtu l-ponta tal-kampnar. Il-pinnur u l-ġebla ornamentali ta' taħtu, li jinkurunaw il-piramida ottagonali tal-kampnar, waqgħu għal isfel, waqqgħu parti ġmielha mill-opramorta bil-balavostri u l-lavur tal-għeluq tal-kampnar, u kollox baqa' nieżel għal isfel fejn saret xi ħsara wkoll fil-gwarniċa tal-Knisja Għalkemm ħdejn l-imwiet u l-ħsarat li ġarrbu xi familji din il-ħsara tal-kampnar tista' titqies relativament żgħira, b'danakollu biex tissewwa tinvolvi somma konsiderevoli ta' flus, billi jeħtieġ li jintrama armar speċjali u b'saħħtu għal dak l-għoli u billi wkoll mhux kulħadd ikun lest li jitla' jaħdem f'dak il-periklu. Iżda m'għandna l-ebda dubju li l-ħsara tissewwa.

Fil-fatt, il-Kappillan tagħna Dun Tarċisju Delicata, li diġa' tana prova kemm għandu għal qalbu l-Knisja, għamel l-arranġamenti meħtieġa biex il-ħsara tissewwa malajr kemm jista' jkun, u hekk inkunu nistgħu naraw il-kampnar majestuż tal-Knisja tagħna — kampnar eleganti u ta' proporzjonijiet eżatti — restawrat mill-ġdid.

Issa li t-tempesta għaddiet, wieħed jasal li jgħid li mn' Alla kien il-kampnar li ntlaqat u mhux xi parti oħra tal-Knisja, ngħidu aħna l-lanterna tal-koppla. Kien provvidenzjali wkoll il-fatt li l-ġebel mill-kampnar waqa' lejn il-pjazza ta' ħdejn il-Knisja u mhux in-naħa ta' ġewwa, għax kieku żgur li kienet issir ħsara kbira lill-koppletta tal-kappellun tal-Kurċifiss, u l-ħsara kienet tkun ħafna akbar, jekk mhux irreparabbli. Nirringrazzjaw 'l Alla li l-affarijiet ġraw kif ġraw. Wara kollox, kull ħsara fil-bini tissewwa; l-agħar dawk ħutna li tilfu ħajjithom u l-vojt li ħallew warajhom. Jalla l-Mulej iħenn għalihom u jagħti s-sabar lill-familjari tagħhom.

Meta titfa' ħarstek lejn il-kampnar bil-parti mġarrfa, ma jistgħux ma jgħaddulekx minn moħħok għadd ta' ħsibijiet. Kos, min kellu jgħidilhom lill-Balzanin ta' dari li l-kampnar li bnew b'tant għożża u sagrifiċċju, u li baqa' sħiħ tul żewġ gwerer dinjin, kellu jisfa' mmankat bil-qawwa ta' l-elementi! Kemm hi ċkejkna l-qawwa tal-bniedem ħdejn is-setgħa bla tarf tal-Mulej! U kemm huma fiergħa l-pretensjonijiet tagħna l-bnedmin meta naħsbu li aħna xi ħaġa, jew meta ngħixu bħallikieku m'aħna se mmutu qatt! Dan kollu, u iżjed, igħaddili minn moħħi kull meta nitfa' ħarsti 'l fuq u nara l-kampnar milqut.



(ġentilment misluf mill-Istamperija Indipendenza)

Il-kampnar tal-knisja parrokkjali wara l-maltempata.

ROKNA GHAT-TFAL

Tfal għeżież,

Intom tħobbuha l-festa tal-Milied? Naf żgur li t-tweġiba tagħkom hija IVA. U naħseb li tgħiduli wkoll: Mela hawn xi ħadd li ma jħobbux il-Milied? Veru! Il-festa tal-Milied kulħadd iħobbha, għax hija festa li ġġib ferħ u paċi fil-qlub tal-bnedmin kollha, iżda l-aktar fil-qlub tagħkom it-tfal. U jiena żgur, għeżież tfal, li diġa' għandkom kollox ippreparat għal din il-festa: presepju, pasturi, Bambin, 'Christmas Tree', u xi rigal żgħir għal dawk li intom tħobbu. U min jaf kemm rigali se taqilgħu dak in-nhar tal-Milied!

Iżda l-aqwa ħaġa li jrid ikollna lesta għall-festa tal-Milied hija l-qalb tagħna. Qalbna trid tkun mimlija bl-imħabba għal Ġesù Tarbija. Qalbna tkun mimlija bl-imħabba jekk aħna nkeċċu d-dnub minn ġo fina. Inkeċċu d-dnub billi nibdew inħobbu lil kulħadd, ma niġġeldux ma' sħabna, nobdu iżjed, noqogħdu aktar bravi fil-knisja, fid-dar, u l-iskola, infittxu li mmorru kuljum nitgħallmu d-duttrina, ma nfallux il-Quddiesa ta' kuljum, u naħfru minn qalbna lil kull min jagħmlilna xi deni. B'dan il-mod inkunu qegħdin illestu maxtura sħuna lil Ġesù fil-qalb tagħna biex jitwieled ġewwa fina.

B'dan il-ħsieb, għeżież tfal, nixtieq lilkom u lill-familji tagħkom IL-MILIED IT-TAJJEB.

TURA FILMS

TURA

DEDICATED TO PROGRESS

TURA

KOMPETIZZJONI

TFAL,

Qabel niġu għall-kompetizzjoni għal din il-ħarġa nixtieq ngħidilkom xi ħaġa. Minn numru ta' risposti li rċevejna għall-aħħar kompetizzjoni li ħejjejnielkom li kienu ferm u ferm ftit, għax ngħidilkom ċar u tond li kull ma rċevejna kienet risposta waħda u b'hekk l-għażla tar-rebbieħ kienet verament faċli, innotajna li t-tfal ftit li xejn qegħdin jagħtu kas li jaqraw dak li nkunu lestejna għalikom. Dan mhux sinjal tajjeb fikom tfal. Imisskom tinteressaw ruħkom aktar f'dak li hu ta' interess għalikom. Tinsewx li intom għadkom tikbru u għandkom bżonn ta' ħafna tagħlim. Mela qisu li ma tħallux dak li nagħmlu għalikom ikun ta' xejn. Nispera li tkunu aktar bravi u tieħdu l-parir li qed nagħtukom.

Issa niġi għall-kompetizzjoni ta' din id-darba. Kull ma tridu tagħmlu hu li tħaddmu ftit raskom u tiktbu n-numri li jonqos f'dan is-serje ta' numri: 61, 51, 58, 48, ..., 45, 52. Indirizzaw it-tweġibiet tagħkom hekk:

Kompetizzjoni "Hal-Balzan"
c/o Każin tal-Banda San Gabriel,
Ħal Balzan.

Jekk tridu tistgħu timpustawhom intom stess fil-Letter Box tal-każin. Għandkom żmien sal-15 ta' Frar, 1983.

Ir-rebbieħ tal-kompetizzjoni ta' l-aħħar ħarġa kien David Axiaq li joqgħod 43 Triq it-Tliet Knejjes Balzan. Il-premju nieħdu ħsieb nibagħtuhulu aħna.